



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

23.3.2011

0013/2011

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-periklu tal-preżenza tat-Talibani fil-Pakistan

**Johannes van Baalen, Tanja Fajon, Carl Haglund, Alexander Graf
Lambsdorff, Krzysztof Lisek**

Data ta' skadenza: 23.6.2011

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-periklu tal-preżenza tat-Talibani fil-Pakistan

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-UE hija mħassba dwar l-infiltrazzjoni tat-Talibani fl-istrutturi governattivi tal-Pakistan, b'mod partikolari fil-militar, servizzi sigreti u stabbilimenti ta' siġurtà;
 - B. billi l-President tal-Istati Uniti Barack Obama diġà wissa fl-2009 dwar il-possibilità li t-Talibani “jisirqu arma nukleari waqt it-trasport tagħha jew li jdaħħlu simpatizzanti fil-laboratorji”,
 - C. billi sorsi ta' informazzjoni sigrieta llum qalu li t-Talibani qeqhdin kontinwament jippruvaw jiksbu kontroll fuq testati nukleari, li huma ta' theddida ċara għall-Ewropa u d-dinja,
1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tergħà' tevalwa d-daqs u l-iskopijiet tal-pakkett ta' ghajjnuna finanzjarja għall-Pakistan, skont l-isforzi sinċieri tal-Gvern Pakistani magħmula sabiex jeradikaw gruppi terroristiċi li joperaw fuq territorju Pakistani u minnu;
 2. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tippreżenta, bħala priorità, Strateġija ta' Sigurtà aġġornata għall-Unjoni Ewropea;
 3. Flimkien ma' dan, jistedieden lill-VP/RGħ sabiex taħtar esperti anzjani tas-sigurtà sabiex jagħmlu studju bir-reqqa tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun;
 4. Barra minn hekk, jitlob lill-VP/RGħ sabiex tiżgura li l-operazzjonijiet u missjonijiet kollha tal-UE fir-reġjun jitwettqu minn persunal imħarreġ u mgħammar għall-possibilità ta' terroriżmu KBRN (terroriżmu kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku, nukleari);
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill Ewropew, lill-President tal-Pakistan u l-ambaxxati kollha fi Brussell.